Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 596/2004**

tat-30 ta' Marzu 2004

li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-bajd

(ĠU L 94, 31.3.2004, p. 33)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1475/2004 tat-18 ta' Awwissu 2004	L 306M	31	15.11.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1713/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 312M	11	22.11.2008

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 596/2004

tat-30 ta' Marzu 2004

li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' esportazzjoni fis-settur tal-bajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3(2), 8(12) u 15 ta' dan,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar l-aġġustamenti u l-arranġamenti transitorji meħtieġa fis-settur ta' l-agrikoltura sabiex jiġi implementat l-ftehim konkluż matul il-*Uruguay Round* tan-negozjati fil-kummerċ multilaterali ([3]), kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 1340/98 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) ta' dan,

Billi

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1371/95 tas-16 ta' Ġunju ta' l-1995 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-esportazzjoni fis-settur tal-bajd ([5]) kien ġie emendat b'mod sostanzjali kemm-il darba ([6]). Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, ir-Regolament li ssemma għandu jkun kodifikat.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2771/75 jipprovdi li l-oġġetti esportati li għalihom jiġu mitluba rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni bl-eċċezzjoni ta' l-esportazzjoni ta' bajd tal-fqis, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli ta' implementazzjoni speċifiċi għas-settur tal-bajd li għandhom, b'mod partikolari, jinkludu dispożizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet u l-informazzjoni li għandha tidher fl-applikazzjonijiet u fil-liċenzi,b'żieda għal dawk li jkunu jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jniżżel regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l-iffissar bil-quddiem għall-prodotti ta' l-agrikoltura ([7]), kif l-aħħar emendat b'Regolament (KE) Nru 322/2004 ([8]).

(3) Sabiex tassigura l-amministrazzjoni xierqa tas-sistema, għandha tkun stabbilita r-rata tas-sigurtà għal-liċenzi ta' esportazzjoni skond is-sistema li ssemmiet. Mħabba r-riskju ta' l-ispekulazzjoni li tinsab fis-sistema fis-settur tal-bajd, il-liċenzi ta' esportazzjoni mgħandhomx ikunu trasferibbli u għandhom ikunu stabbiliti kondizzjonijiet preċiżi li jirregolaw l-aċċess mill-kummerċjanti għas-sistema li ssemmiet.

(4) L-Artikolu 8(12) tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75 jipprovdi li l-osservanza ta' l-obbligi li joriġinaw mill-ftehim konkluż matul

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.75, p. 49.
([2]) ĠU L 122, tas-16.5.3, p. 1.
([3]) ĠU L 349, tal-31.12.94, p. 105.
([4]) ĠU L 184, tas-27.6.98, p. 1.
([5]) ĠU L 133, tas-17.6.95, p. 16.
([6]) Ara l-Anness IV.
([7]) ĠU L 152, ta' L-24.6.00, p. 1.
([8]) ĠU L 58, tas-26.2.4, p. 3.

▼B

il-*Uruquay Round* tan-negozjati fil-kummerċ multilaterali dwar il-volum ta' esportazzjoni għandha tkun żgurata fuq il-bażi tal-liċenzi ta' esportazzjoni. Għalhekk għandha tkun stabbilita skeda dettaljata għad-depożitu ta' l-applikazzjonijiet u għall-ħruġ tal-liċenzi.

(5) Barra dan, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni għandha tkun komunikata biss wara perjodu ta' eżami. Dan il-perjodu kien jippermetti lill-Kummissjoni li tieħu stima tal-kwantitajiet li saru applikazzjoni għalihom kif ukoll l-ispiża nvoluta u, jekk xieraq, li tieħu l-miżuri speċifiċi applikabbli b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet pendenti. Huwa fl-interess tal-kummerċjanti li jippermettu li l-applikazzjoni għal-liċenza tkun tista' tiġi rtirata wara li jkun ġie stabbilit il-ko-effiċjent ta' aċċettazzjoni.

(6) Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jikkonċernaw kwantitajiet daqs jew anqas minn 25 tunnellata metrika, il-liċenza ta' esportazzjoni għandha tinħareġ minnufih jekk il-kummerċjant jitlobha. Madankollu, dawk il-liċenzi għandhom jiġu ristretti għal operazzjonijiet kummerċjali għal perjodu qasir sabiex ma jitħalliex li wieħed ikun jista' jaħrab mill-mekkaniżmu previst f'dan ir-Regolament.

(7) Sabiex tiżgura t-tkomplija eżatta tal-kwantitajiet li għandhom ikunu esportati, għandha tkun stabbilita deroga mir-regoli dwar it-tolleranzi stabbiliti f'Regolament (KE) Nru 1291/2000.

(8) Il-Kummissjoni għandha tiddisponi minn informazzjoni preċiża li tikkonċerna l-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-użu tal-liċenzi maħruġa, sabiex tkun tista' tamministra din is-sistema. Fl-interess ta' l-amministrazzjoni effiċjenti, l-avviżi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom isiru skond mudell uniformi.

(9) L-Artikolu 8(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75 jipprovdi li inkwantu għal bajd tal-fqis jistgħu jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' liċenza ta' esportazzjoni *ex post*. Għalhekk għandhom jitniżżlu regoli ta' implementazzjoni għal dik is-sistema bl-iskop li jiżguraw li verifika effiċjenti ta' l-obbligi li joriġinaw fil-ftehim konklużż fil-qafas tan-negozjati ta' l-*Uruguay Round* jitħarsu. Madankollu, kien jidher li mhux neċessarju li tinħtieġ li tkun depositata garanzija ta' sigurtà fil-każ ta' liċenzi li tkun saret applikazzjoni għalihom wara l-esportazzjoni.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar il-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-esportazzjonijiet kollha tal-prodotti fis-settur tal-bajd li għalihom tintalab rifużjoni fuq l-esportazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' bajd tal-fqis li jaqa' fil-kodiċi NM 0407 00 11 u 0407 00 19, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' esportazzjoni bl-iffissar bil-quddiem tar-rifużjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 8.

Artikolu 2

1. Il-liċenzi ta' esportazzjoni għandhom ikunu validi għal 90 jum mill-ġurnata attwali tal-ħruġ tagħhom fis-sens ta' l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi nfushom għandu jkollhom imniżżla, fit-taqsima 15, id-deskrizzjoni tal-prodott u, fit-taqsima 16, il-kodiċi tal-prodott bi 12-il ċifra tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

▼B

3. Il-kategoriji tal-prodotti msemmija fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, kif ukoll ir-rata tas-sigurtà għal-liċenzi ta' esportazzjoni huma mogħtija f'L-Anness I.

4. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi u l-liċenzi nfushom għandu jkollhom imniżżla, fit-taqsima 20, mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Reglamento (CE) nº 596/2004

— Forordning (EF) Nr. 596/2004

— Verordnung (EG) Nr. 596/2004

— Κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 596/2004

— Regulation (EK) No 596/2004

— Règlement (CE) nº 596/2004

— Regolamento (CE) n. 596/2004

— Verordening (EG) Nr. 596/2004

— Regulamento (CE) n.º 596/2004

— Asetus (EY) N:o 596/2004

— Förordning (EG) Nr. 596/2004.

Artikolu 3

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni jistgħu jkunu depożitati mal-awtoritajiet kompetenti mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' kull ġimgħa.

2. L-applikanti għal-liċenzi ta' esportazzjoni għandhom ikunu persuni naturali jew ġuridiċi li, fiż-żmien li jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet, jistgħu jagħtu prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li kienu ġew imqabbda biex jaħdmu fil-kummerċ fis-settur tal-bajd għal mill-anqas 12-il xahar. Madankollu, l-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut jew ir-restoranti li jbiegħu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi ta' l-aħħar ma jistgħux jiddepożitaw applikazzjonijiet.

3. Il-liċenzi ta' l-esportazzjoni jinħarġu fil-jum ta' l-Erbgħa li jiġi wara l-perjodu taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm l-ebda waħda mill-miżuri partikolari msemmija fil-paragrafu 4 ma tkun ittieħdet minn dak in-nhar mill-Kummissjoni.

▼M1

4. Meta l-ħruġ ta' ċertifikati ta' esportazzjoni jirriżulta jew jista' jirriżulta biex jinqabżu l-ammonti baġitarji disponibbli jew biex jispiċċaw il-kwantitajiet massimi li jistgħu jiġu esportati matul il-perjodu kkonċernat, fid-dawl tal-limiti msemmija fl-Artikolu 8(12) tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75, jew ma jippermettix li tiġi żgurata l-kontinwità tal-esportazzjonijiet matul il-bqija tal-perjodu, il-Kummissjoni tista':

a) tiffissa perċentwal uniku ta' aċċettazzjoni tal-kwantitajiet mitluba;

b) tirrifjuta l-applikazzjonijiet li għalihom ikunu għadhom ma ngħatawx liċenzji;

c) tissospendi t-tfigħ tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja għal perjodu massimu ta' ħamest ijiet tax-xogħol, li jista' jiġi estiż bil-proċedura speċifikata fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 2771/75.

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji li jsiru matul il-perjodu ta' sospensjoni jkunu invalidi.

Il-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiġu implimentati jew modulati skond il-kategorija tal-prodott jew skond id-destinazzjoni.

▼M1

4a Il-miżuri previsti fil-paragrafu 4 jistgħu jiġu adottati wkoll meta l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' esportazzjoni għandhom x'jaqsmu ma' kwantitajiet li jaqbżu jew jistgħu jaqbżu l-kwantitajiet normali disponibbli għal destinazzjoni waħda jew grupp ta' destinazzjonijiet, u fejn l-ħruġ tal-liċenzji mitluba jġib miegħu r-riskju ta' l-ispekulazzjoni, tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi, jew tfixkil fil-kummerċ ikkonċernat jew fis-suq tal-Komunità.

▼B

5. Meta l-kwantitajiet li saru applikazzjonijiet għalihom ma jintlaqgħux jew jiġu mnaqqsa, il-garanzija tas-sigurtà għandha tiġi rilaxxjata fil-pront għall-kwantitajiet kollha li għalihom applikazzjoni ma tkunx ġiet sodisfatta.

6. Minkejja l-paragrafu 3, meta jiġi ffissat persentaġġ wieħed ta' aċċettazzjoni ta' anqas minn 80 %, il-liċenza għandha tinħareġ l-aktar tard sal-11-il jum utli wara l-pubblikazzjoni ta' dak il-persentaġġ fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Matul l-għaxart ijiem utli wara l-pubblikazzjoni tiegħu, l-operatur jista':

— jew jirtira l-applikazzjoni tiegħu, f'liema każ il-garanzija tas-sigurtà tiġi rilaxxjata immedjatamet,

— jew jitlob il-ħruġ immedjat tal-liċenza, f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha toħroġha mingħajr dewmien iżda mhux qabel id-data normali tal-ħruġ għall-ġimgħa rilevanti.

7. B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tiffissa ġurnata ħlief l-erbgħa għall-ħruġ ta' liċenzi ta' esportazzjoni meta ma jkunx possibbli li din il-ġurnata tiġi rispettata.

Artikolu 4

1. Fuq talba ta' l-operatur, l-applikazzjonijiet għal-liċenzi sa 25 tunnellata metrika ta' prodotti mgħandhomx ikunu suġġetti għal xi miżuri speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 3(4) u l-liċenzi li saru l-applikazzjonijiet għalihom għandhom jinħarġu b'mod immedjat.

▼M2

F'każijiet bħal dawn irrispettivament mill-Artikolu 2(1), it-terminu ta' validità tal-liċenzji għandu jkun limitat għal ħamest ijiem tax-xogħol mill-jum attwali tal-ħruġ fit-tifsira tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u t-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal liċenzja u ta' liċenzji għandha turi waħda mill-entrati elenkati fl-Anness Ia.

▼B

2. Il-Kummissjoni tista', meta neċessarju, tissospendi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Il-liċenzi ta' esportazzjoni ma għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 6

1. Il-kwantità esportata li taqa' fit-tolleranza msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 ma tintitolax għall-ħlas tar-rifużjoni.

2. Fit-taqsima 22 tal-liċenza, għandu jiġi indikat mill-anqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Restitución válida por […] toneladas (cantidad por la que se expida el certificado)

— Restitutionen omfatter […] t (den mængde, licensen vedrører)

▼B

— Erstattung gültig für […] Tonnen (Menge, für welche die Lizenz ausgestellt wurde)

— Επιστροφή ισχύουσα για […] τόνους (ποσότητα για την οποία έχει εκδοθεί το πιστοποιητικό)

— Refund valid for […] tonnes (quantity for which the licence is issued)

— Restitution valable pour […] tonnes (quantité pour laquelle le certificat est délivré)

— Restituzione valida per […] t (quantitativo per il quale il titolo è rilasciato)

— Restitutie geldig voor […] ton (hoeveelheid waarvoor het certificaat wordt afgegeven)

— Restituição válida para […] toneladas (quantidade relativamente à qual é emitido o certificado)

— Tuki on voimassa […] tonnille (määrä, jolle todistus on myönnetty)

— Ger rätt till exportbidrag för (…) ton (den kvantitet för vilken licensen utfärdats).

Artikolu 7

1. Kull nhar ta' ġimgħa mis-1.00 ta' wara nofs in-nhar, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni dan li ġej b'*fax* fir-rigward tal-perjodu ta' qabel:

(a) l-applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 1 iddepożitati mit-Tnejn sal-Ġimgħa ta' l-istess ġimgħa, u jiddikjaraw jekk jaqawx fl-ambitu ta' l-Artikolu 4 jew le;

(b) il-kwantitajiet koperti mil-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa fil-jum ta' l-Erbgħa ta' qabel, u ma jinkludux dawk maħruġa b'mod immedjat taħt l-Artikolu 4;

(ċ) il-kwantitajiet koperti b'applikazzjonijiet għal-liċenzi ta' esportazzjoni rtirati skond l-Artikolu 3(6) matul il-ġimgħa ta' qabel.

2. In-notifika ta' l-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tispeċifika:

(a) il-kwantità fil-piż tal-prodott għal kull kategorija msemmija fl-Artikolu 2(3);

(b) l-analiżi skond id-destinazzjoni tal-kwantità għal kull kategorija fil-każ meta r-rata tar-rifużjoni tvarja skond id-destinazzjoni;

(ċ) ir-rata tar-rifużjoni applikabbli;

(d) l-ammont totali tar-rifużjoni ffissata minn qabel f'euro għal kull kategorija ta' prodott.

3. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni fuq bażi mensili wara t-temma tal-validità tal-liċenzi ta' esportazzjoni l-kwantità ta' liċenzi ta' esportazzjoni mhux użati.

4. In-notifiki kollha msemmija fil-paragrafi 1 u 3, inklużi n-notifiki "nulli", għandhom isiru skond il-mudell stabbilit f'L-Anness II.

Artikolu 8

1. Għall-bajd tal-fqis li jaqa' taħt il-kodiċi NM bin-Nri 0407 00 11 u 0407 00 19, l-operaturi għandhom jiddikjaraw mal-waqt li jwettqu l-formalitajiet tad-dwana għall-oġġetti esportati, illi bi ħsiebhom jitolbu rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

▼B

2. Mhux aktar tard minn żewġt ijiem utli wara l-esportazzjoni, l-operaturi għandhom jiddepożitaw ma' l-awtorità kompetenti l-applikazzjoni għal-liċenza ta' esportazzjoni *ex post* għall-bajd tal-fqis esportat. Fit-taqsima 20 ta' l-applikazzjoni għal-liċenza u tal-liċenza nnifisha, għandhom ikunu indikati l-kliem *ex post* flimkien ma' l-uffiċċju doganali fejn il-formalitajiet tad-dwana twettqu kif ukoll id-data ta' l-esportazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 ([1]).

B'deroga mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 mgħandha tinħtieġ l-ebda garanzija ta' sigurtà.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, kull nhar ta' Ġimgħa mis-1 ta' wara nofsinhar 'l quddiem, b'*fax*, in-numru ta' liċenzi ta' esportazzjoni *ex post* li saru applikazzjonijiet għalihom jew l-assenza ta' dawk l-applikazzjonijiet, matul il-ġimgħa kurrenti. Innotifiki għandhom isiru skond il-mudell stabbilit f'L-Anness II u għandhom jispeċifikaw, meta applikabbli, id-dettalji msemmija fl-Artikolu 7(2).

4. Liċenzi ta' esportazzjoni *ex post* għandhom jinħarġu kull nhar ta' Erbgħa ta' wara, sakemm l-ebda miżura partikolari msemmija fl-Artikolu 3(4) ma tittieħed mill-Kummissjoni wara l-esportazzjoni kkonċernata. Meta jittieħdu dawk il-miżuri għandhom japplikaw għall-esportazzjonijiet li jkunu diġà saru.

Din il-liċenza tintitola għall-ħlas tar-rifużjoni applikabbli fil-ġurnata ta' l-esportazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

5. L-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 mgħandux japplika għal-liċenzi *ex post* imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

Il-liċenzi għandhom jiġu ppreżentati direttament mill-parti interessata lill-aġenzija li tieħu ħsieb il-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni. Din l-aġenzija għandha tattribwixxi u tittimbra l-liċenza.

Artikolu 9

Ir-Regolament (KE) Nru 1371/95 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni f'L-Anness V.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 102, tas-17.4.99, p. 11.

▼B

L-ANNESS I

Kodiċi tal-prodott tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (1)	Kategorija	Ir-Rata tal-garanzija tas-sigurtà (EUR/100 kg piż nett)
040700119000	1	—
040700199000	2	—
040700309000	3	3 (2) 2 (3)
040811809100	4	10
040819819100040819899100	5	5
040891809100	6	15
040899809100	7	4

(1) Ir- Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, p. 1), parti 8.
(2) Għad-destinazzjonijiet murija f'L-Anness III.
(3) Destinazzjonijiet oħra.

▼**M2**

ANNESS Ia

Entrati msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1):

— *Bl-Ispanjol:* Certificado válido durante cinco días hábiles

— *Biċ-Ċek:* Licence platná pět pracovních dní

— *Bid-Daniż:* Licens, der er gyldig i fem arbejdsdage

— *Bil-Ġermaniż:* Fünf Arbeitstage gültige Lizenz

— *Bl-Estonjan:* Litsents kehtib viis tööpäeva

— *Bil-Grieg:* Πιστοποιητικό που ισχύει για πέντε εργάσιμες ημέρες

— *Bl-Ingliż:* Licence valid for five working days

— *Bil-Franċiż:* Certificat valable cinq jours ouvrables

— *Bit-Taljan:* Titolo valido cinque giorni lavorativi

— *Bil-Latvjan:* Licences derīguma termiņš ir piecas darba dienas

— *Bil-Litwen:* Licencijos galioja penkias darbo dienas

— *Bl-Ungeriż:* Öt munkanapig érvényes tanúsítvány

— *Bl-Olandiż:* Certificaat met een geldigheidsduur van vijf werkdagen

— *Bil-Pollakk:* Pozwolenie ważne pięć dni roboczych

— *Bil-Portugiż:* Certificado de exportação válido durante cinco dias úteis

— *Bl-Islovakk:* Licencia platí päť pracovných dní

— *Bl-Isloven:* Dovoljenje velja 5 delovnih dni

— *Bil-Finlandiż:* Todistus on voimassa viisi työpäivää

— *Bl-Iżvediż:* Licensen är giltig fem arbetsdagar

▼B

L-ANNESS II

Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 596/2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ - DG AGRI/D/2 — Is-settur tal-bajd

Applikazzjoni għal-liċenzi ta' esportazzjoni — Bajd

Min jibgħat:

Data:

Perjodu: It-Tnejn . . . sal-Ġimgħa . . .

Stat Membru:

Persuna li għandha tiġi kkuntattjata:

Telefon

Fax

Adresāts: DG AGRI/D/2 — faksa numurs (32-2) 298 87 86
(e-mail: AGRI-POULTRY-EXPORT@cec.eu.int)

— Parti A — Notifika ta' kull ġimgħa (li għandha tkun kompletata separatament għal kull kategorija)

Kategorija	Kwantità		Ġeonomenklatura	Ir-Rata tar-Rifużjoni (EUR/100 kg jew 100 biċċa)	L-ammont totali tar-rifużjonijiet iffissati minn qabel
	Artikolu 4	Ohra			
Total għal kull kategorija					

Kategorija	Kwantitajiet totali li għalihom saru l-applikazzjonijiet skond il-kategoriji u skond id-destinazzjoni

— Parti B — In-notifika ta' kull ġimgħa

Kategorija	Kwantitajiet totali maħruġa skond il-kategoriji u skond id-destinazzjoni nħar ta' Erbgħa

▼B

— Parti Ċ — In-notifika ta' kull ġimgha

Kategorija	Kwantitajiet totali rtirati skond il-kategoriji u skond id-destinazzjoni matul il-ġimgha ta' qabel

— Parti D — In-notifika ta' kull xahar

Kategorija	Kwantitajiet mhux użati skond il-kategoriji u skond id-destinazzjoni

▼B

L-ANNESS III

Il-Baħrejn

L-Eġittu

Hong Kong

Il-Ġappun

Il-Kuwajt

Il-Malasja

L-Oman

Il-Filippini

Il-Qatar

Ir-Russja

Il-Korea t'Isfel

It-Tajwan

It-Tajlandja

L-Emirati Għarab Magħquda

Ir-Repubblika tal-Jemen

▼B

L-ANNESS IV

Ir-Regolament imħassar bl-emendi suċċessivi tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1371/95	(ĠU L 133, tas-17.6.1995, p. 16)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2522/95	(ĠU L 258, tat-28.10.1995, p. 39)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2840/95	(ĠU L 296, tad-9.12.1995, p. 5)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1157/96	(ĠU L 153, tas-27.6.1996, p. 19)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1008/98	(ĠU L 145, tal-15.5.1998, p. 6)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2336/1999	(ĠU L 281, ta' l-4.11.1999, p. 16)
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2260/2001	(ĠU L 305, tat-22.11.2001, p. 11)

▼B

L-ANNESS V

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1371/95	Dan ir-Regolament
L-Artikoli 1 u 2	L-Artikoli 1 u 2
L-Artikolu 3(1) sa (3)	L-Artikolu 3(1) sa (3)
L-Artikolu 3(4) l-ewwel inċiż	L-Artikolu 3(4)(a)
L-Artikolu 3(4) it-tieni inċiż	L-Artikolu 3(4)(b)
L-Artikolu 3(4) it-tielet inċiż	L-Artikolu 3(4)(ċ)
L-Artikolu 3(5) sa (7)	L-Artikolu 3(5) sa (7)
L-Artikolu 4 l-ewwel u t-tieni subparagrafi	L-Artikolu 4(1)
L-Artikolu 4 it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 4(2)
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6 l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 6 it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 7(1)	L-Artikolu 7(1)
L-Artikolu 7(2) l-ewwel inċiż	L-Artikolu 7(2)(a)
L-Artikolu 7(2) it-tieni inċiż	L-Artikolu 7(2)(b)
L-Artikolu 7(2) it-tielet inċiż	L-Artikolu 7(2)(ċ)
L-Artikolu 7(2) ir-raba' inċiż	L-Artikolu 7(2)(d)
L-Artikolu 7(3) u (4)	L-Artikolu 7(3) u (4)
L-Artikolu 8	_
L-Artikolu 9	L-Artikolu 8
L-Artikolu 10	_
_	L-Artikolu 9
L-Artikolu 11	L-Artikolu 10
L-Annessi I sa III	L-Annessi I sa III
_	L-Anness IV
_	L-Anness V